MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1696/2000/1

**Joseph M Robinich bhala President tal-Malta Traditional Karate Federation.**

**-vs-**

**Franco Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Awissu, 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut Franco Azzopardi m'ghadux President ta' l-Malta Traditional Karate Federation u dan in segwitu ta' Extraordinary Federal Assembly mizmuma fit-22 ta' Mejju,

1999 u kompletata fid-29 ta' Mejju, 1999 (kopja tal-minuti ezebita fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4491/99RCP datat l-15 ta' Ottubru, 1999 hawn anness);

Illi in effetti l-istess konvenut irrizenja bhala President tal-istess Federazzjoni a termini ta' l-Artikolu 9 (4) ta' l-l"Stitute of the Malta Traditional Karate Federation" (kopja ezebita fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4491/99RCP datat l-15 ta' Ottubru, 1999 hawn anness);

Illi ghal dan l-iskop fil-21 ta' April, 1999 l-konvenut hareg "Notice of Extraordinary Federal Assembly" (kopja ezebita fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4491/99RCP datat l-15 ta' Ottubru, 1999 hawn anness) fil-kapacita' tieghu bhala outgoing President ghar-ragunijiet kollha indikati fl-imsemmija notice;

Illi illum Joseph M. Robinich gie elett u konsegwentement assuma l-kariga ta' President tal-Federation u dan skond vot li ttiehed a termini ta' l-istess Statut;

Illi tali appuntament gie notifikat lis-Segretarju Generali tal-Malta Olympic Committee, permezz ta' rapport mibghuta mill-President Joseph M. Robinich u mis-Segretarja Generali Amanda Jane Attard datata t-2 ta' Gunju, 1999 (kopja ezebita fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4491/99RCP datat l-15 ta' Ottubru, 1999 hawn anness);

Illi nonostante l-appuntament ta' Joseph M. Robinich bhala President tal-Malta Traditional Karate Federation l-konvenut qieghed abbusivament jagixxi taht kariga li m'ghadux pertinenti lilu u dan bi pregudizzju ghall-istess Malta Traditional Karate Federation;

Illi l-Federazzjoni de quo giet koncessa u dan ai termini ta' kuntratt ta' emfitewsi temporanja fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat t-23 ta' Dicembru, 1997 (kopja ezebita fil-

Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 4491/99RCP datat l-15 ta’ Ottubru, 1999 hawn anness) zewgt ikmamar li jinsabu fil-Kumpless Sportiv ta’ “Kordin”, limiti ta’ Rahal Gdid, konfinanti mill-Punent ma’ Triq pubblika minghajr isem, mill-Lvant mal-bacir u mit-tramuntana ma’ art tal-Gvern, jew irjieh verjuri;

Illi l-konvenut abbusivament biddel is-sellatura tal-kmamar *de quo* u dan b’mod ili l-membri tal-Federazzjoni attrici m’ghadhomx acess ghall-imsemmija kmamar;

Illi permezz ta’ digriet kamerali tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Awissu, 2000 fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 4491/1999RCP, l-istess konvenut gie inibit milli jiehu decizjonijiet, jagixxi, jidher f’isem jew in rappresentanza ta’, jaghmel azzjonijiet, jassumi responsabilitajiet jew obbligazzjonijiet, u fi kwalunkwe mod iehor jirrapresenta ruhu bhala President jew b’xi mod iehor bhala rappresentant, jew awtorizzat mill-Malta Traditional Karate Federation;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi l-attur huwa l-President tal-Malta Traditional Karate Federation;

(2) Tikkonferma l-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 4491/1999RCP, datat l-15 ta’ Ottubru, 1999 u tinibixxi permanentement l-istess konvenut milli jiehu decizjonijiet, jagixxi, jidher f’isem jew in rappresentanza ta’, jaghmel azzjonijiet, jassumi responsabilitajiet jew obbligazzjoniiet, u fi kwalunkwe mod iehor jirrapresenta ruhu bhala President jew b’xi mod iehor bhala rappresentant, jew awtorizzat mill-Malta Traditional Karate Federation;

(3) Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li

jigu lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jirritorna d-dokumenti, kotba, korrispondenza, u l-effetti kollha proprjeta ta' l-istess Federazzjoni illi huwa seta' jirritjeni biss *qua* President ta' l-istess Federazzjoni;

(4) Tiddikjara li l-konvenut Franco Azzopardi qieghed jiddetjeni z-zewgt ikmamar li jinsabu fil-Kumpless Sportiv ta' "Kordin", limiti ta' Rahal Gdid, konfinanti mill-Punent ma' Triq pubblika minghajr isem, mill-Lvant mal-bacir u mit-tramuntana ma' art tal-Gvern, jew irjieh verjuri, minghajr ebda titolu validu skond il-Ligi;

(5) Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss minn dina l-onorabbli Qorti jizgombra z-zewgt ikmamar li jinsabu fil-Kumpless Sportiv ta' "Kordin", limiti ta' Rahal Gdid, konfinanti mill-Punent ma' Triq pubblika minghajr isem, mill-Lvant mal-bacir u mit-tramuntana ma' art tal-Gvern, jew irjieh verjuri u dan ai termini tal-emfitewsi temporanja fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat t-23 ta' Dicembru, 1997;

(6) Tawtorizza lill-atur bhala President tal-Malta Traditional Karate Federation jirriprendi l-pussess tal-kmamar surreferiti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4491/99RCP datat l-15 ta' Ottubru, 1999 hawn anness, u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra ta' danni kontra l-istess konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fid-29 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok Joseph M. Robinich ghandu jaghti prova li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-Malta Traditional Karate Federation.

2. Illi fil-meritu l-pretenzjonijiet u t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

(i) L-ewwel talba ghandha tigi michuda stante li l-elezzjoni li saret fid-29 ta’ Mejju 1999 u li fiha Joseph M. Robinich qieghed jikkontendi li gie mahtur bhala President, saret b’mod irregolari, u f’liema elezzjoni ma gewx osservati r-regolamenti li huma stipulati fl-Istatut tal-Malta Traditional Karate Federation u l-Federal rules tal-istess Federazzjoni, liema regolamenti huma tassattivi.

(ii) It-tieni talba attrici m’hijiex ammissibbli fil-ligi stante li m’huwiex koncepibbli li jintalab il-hrug ta’ mandat permanenti jew li jintalab il-konferma ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

(iii) Dwar it-tielet talba, id-dokumenti jinsabu fl-indirizz registrat tal-Federazzjoni.

(iv) Illi dwar ir-raba’ u l-hames talba ta’ l-attur, dawn ukoll huma mproponibbli stante li l-eccipjent ma jiddetjeni jew jipposjedi ebda kmamar, u liema kmamar regghu ttiehdu mill-Gvern permezz ta’ rizoluzzjoni li ghaddiet mill-Parlament fl-10 ta’ Lulju, 2000 wara l-kuntratt pubbliku ta’ enfitewsi temporanja li gie ppubblikat min-nutar Dottor Joseph Debono. Min-naha tieghu l-eccipjent dejjem agixxa fil-parametri legali.

(v) Illi f’kull kaz ir-raba’ u l-hames talba ta’ l-attur huma mproponibbli ghaliex l-Malta Traditional

Karate Federation m’ghandha ebda titolu fuq il-kmamar in kwistjoni u ghalhekk m’ghandhiex il-jedd u/jew l-interess li

taghmel dawn it-talbiet. Bl-istess mod is-sitt talba ma tistax tigi milqugha.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut ma baqax President tas-socjeta’ minnu rapprezentata u li *nonostante* dan baqa’ jokkupa zewgt ikmamar li taghhom l-istess socjeta’ hija utilista.

L-unika prova li tressqet fil-kawza kienet l-allegazjoni tal-process tal-mandat ta’ inibizzjoni li gie propost u milqugh qabel infethet il-kawza. Fid-decizjoni taghha moghtija fit-3 ta’ Awissu, 2000 il-Qorti kienet qalet; “*L-istess intimat accetta l-fatt li l-membri hemm imsemmija u hekk deskritti fl-istess minuti nkluzi r-rikorrenti kienu, l-ewwel membri u t-tieni kellhom id-dritt jivvutaw fl-istess laqgha skond l-istess laqgha.*

*... din il-Qorti hija ta’ l-opinjoni illi l-istes rikorrenti huwa l-President ta’ l-Assocjazzjoni rikorrenti u dan gie pruvat prima facie ...*

Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taddotta anke hi din il-konkluzjoni ghaliex ma ngabet ebda prova *da parti* tal-konvenut biex jirribatti dak li ntqal fil-kors tal-proceduri tal-mandat.

Fir-rigward tat-talbiet ghall-izgombrament il-Qorti ghandha biss id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine li pero' ma gietx lanqas ribattuta mill-konvenut. *Oltre* dan l-eccezzjoni li ntavola l-konvenut huma fis-sens li l-Gvern rega' ha pussess tal-kmamar in kwistjoni, haga li lanqas ressaq l-icken prova dwarha.

L-eccezzjoni tal-konvenut li l-Qorti ma tistax tintalab tikkonferma mandat ta' inibizzjoni jew li jinhareg speci ta' mandat ta' inibizzjoni permanenti huwa parzjalment korrett fis-sens li fil-waqt li l-Qorti ma ghandhiex tintalab semplicement tikkonferma mandat simili, certament tista' tintalab tordna lill-konvenut milli ma jaghmilx xi haga li tkun tilledi d-dritt ta' l-attur – naturalment hawnhekk ikun hemm piena ta' disprezz jekk il-konvenut ma jobdix tali ordni.

**Ghal dawn il-mottivi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur nomine, b'dan illi fir-rigward tat-tieni talba tichad it-talba ghall-konferma tal-mandat imsemmi izda tilqaghha fis-sens li tinibixxi permanentement lill-konvenut milli jagixxi ta' President tal-Federazzjoni imsemmija u jagixxi f'isimha bhala tali; ghall-fini tat-tielet u l-hames talba tipprefiggi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------